**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 181795** **21.08.2018**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA U MILL-MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

Il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima José Herrera u l-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali Ian Borg ippresedew fuq l-iffirmar ta' kuntratt li se jwassal sabiex il-gvern jgħaddi l-immaniġġjar tal-art tas-Salina Nature Park lill-għaqda BirdLife Malta għal ħames snin.

Dan il-park huwa sit Natura 2000 u għandu karatteristiċi ekoloġici importanti ħafna. Permezz ta' dan il-kuntratt se jkun qiegħed jiġi mgħoddi lill-BirdLife biex toperah fuq pjan maqbul mal-ERA. Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali Ian Borg iddeskriva dan is-sit bħala wirt uniku ta' pajjiżna li jiġbor fi ħdanu diversi interessi distinti minn xulxin, fosthom dawk ekoloġiċi, kulturali u edukattivi, u fakkar fl-istorja twila li jħaddan, bil-bini tas-salini minn żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Il-Ministru Borg spjega kif dan is-sit kien ibbenifika minn fondi Ewropej u b'hekk kien frott ta' diversi xogħlijiet ta' restawr u riabilitazzjoni. Il-Ministru żied jgħid li din il-ħidma issa għandha tiġi segwita billi s-sit jitħaddem b'mod tajjeb u li għandu sinifikat.

Il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima José Herrera sostna li permezz ta' dan il-*management agreement* se jidħlu f'arranġament ta' ħames snin mal-għaqda BirdLife Malta sabiex jiġi implimentat il-*managment plan* tas-sit tas-Salina. Dan l-*agreement* se jwassal għal investiment li jlaħħaq il-€150,000 fis-sena apparti għajnuniet oħra mill-Ministeru tal-Infrastruttura. Huwa qal li permezz ta' dan il-ftehim se jkunu qed idaħħlu mudell fejn il-gvern flimkien ma' għaqdiet ambjentali jidħlu f'arranġamenti flimkien, u dan l-istess mudell se jkun qiegħed potenzjalment jiġi adottat f'siti oħrajn.

Il-Ministru Herrera spjega li permezz tal-*management agreement*, BirdLife Malta se jkunu l-operaturi ewlenin ta' dan is-sit, filwaqt li Ambjent Malta u l-ERA se jkunu qed jassistu u jħarsu b'mod ħolistiku l-implimentazzjoni ta' numru ta' proġetti li huma skedati li jitwettqu fis-sit. Huwa tenna li l-għan ewlieni tal-*management plan* huwa dak li dan is-sit jiġi riabilitat u riġenerat sabiex in-natura, il-pjanti u l-annimali jkomplu jiġu sostnuti u dan il-park isir żona rikreattiva u edukattiva għat-tgawdija tal-pubbliku inġenerali. Apparti dan l-arranġament, il-gvern, permezz ta' Ambjent Malta, ssottometta applikazzjoni sabiex matul l-2019 f'din iż-żona jitħawlu '1 fuq minn 3,000 siġra u arbuxelli indiġeni.

Il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima qal li din hija l-ikbar riserva naturali f'Malta u n-natura u d-dinamika tas-sit jirrikjedu attenzjoni kontinwa u ċerta loġistika. Huwa kompla jgħid li madankollu, huma ċerti li se jsibu l-għajnuna tal-gvern ċentrali li mingħajru dan il-proġett ma jistax jitkompla. BirdLife Malta, li hi l-akbar NGO ambjentali f'Malta, se tkompli taħdem biex flimkien


**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

mal-i*stakeholders* u b'mod partikolari mal-gvern tħares u ttejjeb l-ambjenti naturali ta' pajjiżna—investiment fil-futur, investiment fil-ġejjieni u tisbiħ ta' pajjiżna.

Għalhekk, l-avveniment tal-lum kien wieħed importanti, fejn dan is-sit se jkun qiegħed jiġi mgħoddi lill-entità BirdLife biex b'hekk il-gvern ikun qiegħed jimmassimizza l-użu tiegħu. Il-ministru awgura lil BirdLife biex tkompli żżid l-għarfien u tqajjem kuxjenza dwar il-flora u l-fawna ta' dan il-park u tkompli tħares lil dan is-sit ambjentali u kulturali.